

Brussell, 12 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10294/26

ENV 690
CHIMIE 73
COMPET 739
IND 397
RECH 267
ECOFIN 790
ECO 21
SOC 377
SAN 459
CONSOM 185
MI 602
ENT 137
ENFOCUSTOM 72

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Regolament REACH: it-triq 'il quddiem - Skambju ta' fehmiet

Fid-dawl tal-Kunsill (Ambjent) tal-25 ta' Ġunju 2026, fl-Anness jinsab dokument ta' sfond mill-Presidenza b'mistoqsijiet lill-Ministri dwar is-suġġett.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden iqis in-nota ta' informazzjoni u l-mistoqsijiet u jibgħathom lill-Kunsill.

Regolament REACH: it-triq 'il quddiem**- Skambju ta' fehmiet -**

F'Ottubru 2020, il-Kummissjoni Ewropea ħabbret ir-reviżjoni tar-Regolament REACH bħala parti minn riforma maġġuri tal-politika tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi permezz tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà. Ir-Regolament REACH, bl-għanijiet tiegħu li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent mir-riskji maħluqa mis-sustanzi kimiċi, kif ukoll iċ-ċirkolazzjoni libera tas-sustanzi fis-suq intern filwaqt li jsaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni, huwa ċentrali għal dik il-politika tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi.

Ir-reviżjoni tar-REACH kellha tindirizza l-lakuni attwali fir-regolament, bħat-tisħiħ tal-konformità tad-dossiers ta' reġistrazzjoni, l-identifikazzjoni aħjar ta' sustanzi bi proprjetajiet kritiċi ta' periklu, it-titjib u s-simplifikazzjoni tas-sistema ta' awtorizzazzjoni u restrizzjoni, u t-tisħiħ tal-konformità tal-importazzjonijiet ta' sustanzi minn pajjiżi terzi.

Il-Kummissjoni kienet ippjanat li tipproponi reviżjoni mmirata tar-Regolament REACH matul il-mandat attwali, kif imħabbar fil-Programm ta' Ħidma tal-2025. Madankollu, il-proposta korrispondenti ġiet posposta ripetutament.

Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2025, il-Kunsill Ewropew issottolinja l-ħtieġa li jiġi rivedut ir-Regolament REACH bħala mod kif tingħata spinta lill-kompetittività tas-settur tas-sustanzi kimiċi. Filwaqt li jibnu fuq dawn l-orjentazzjonijiet, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ambjent tal-Ewropa 2030 ta' Diċembru 2025 fakkru wkoll fil-ħtieġa li jiġi rivedut u modernizzat ir-REACH u li tiġi implimentata bis-sħiħ l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà.

Madankollu, f'dawn l-aħħar ftit snin, il-kuntest tas-settur tas-sustanzi kimiċi evolva b'mod sinifikanti. L-industrija Ewropea tas-sustanzi kimiċi għaddejja minn bidla strutturali rapida u qed tiffaċċa sfidi sinifikanti, inkluż kostijiet tal-enerġija u tal-materja prima li qed jiżdiedu, dipendenzi esterni fuq inputs kritiċi, u kompetizzjoni intensifikata minn pajjiżi terzi, inkluż minn operatori li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-UE. L-operatori enfasizzaw ripetutament il-ħtieġa tagħhom għal stabbiltà u prevedibbiltà regolatorji biex jirfdu d-deċiżjonijiet ta' investment.

F'dan l-isfond, il-kundizzjonijiet biex titwettaq reviżjoni leġiżlattiva sħiħa tar-REACH fi żmien qasir jista' jkun li ma jiġux sodisfatti. Il-ftuħ mill-ġdid tal-fajl skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja joħloq inċertezza fit-tul kemm għall-operatori kif ukoll għall-awtoritajiet, f'mument meta s-settur jeħtieġ ċarezza u stabbiltà.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni indikat f'dikjarazzjonijiet li għamlet f'April 2026 li fil-mandat attwali ma kinitx ser issir ir-reviżjoni leġiżlattiva tar-REACH inizjalment prevista fl-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà. Minflok, il-Kummissjoni ħabbret li ser tiffoka l-ħidma tagħha fuq is-simplifikazzjoni u l-adattament tar-REACH għall-progress xjentifiku permezz tal-proċedura ta' kumitat. Il-Kummissjoni ħabbret ukoll li ser issaħħaħ l-infurzar tar-regolament fir-rigward ta' prodotti u sustanzi mhux konformi minn pajjiżi terzi, kif ukoll ittejjeb is-sorveljanza tas-suq.

Fin-nuqqas ta' reviżjoni leġiżlattiva, is-simplifikazzjoni u l-adattament tar-REACH permezz tal-proċedura ta' kumitat jistgħu joffru mezz konkret biex jinkiseb titjib tanġibbli. B'mod partikolari jistgħu jiġu kkunsidrati diversi kwistjonijiet, inkluż l-aġġornament tar-rekwiżiti tad-data tar-reġistrazzjoni biex jitqiesu l-klassijiet ta' periklu l-ġodda introdotti mir-Regolament CLP rivedut, l-armonizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-Iskedi tad-Data dwar is-Sikurezza, u s-simplifikazzjoni tal-applikazzjoni tar-regolament.

Barra minn hekk, għad hemm lakuna sinifikanti fil-konformità fl-implimentazzjoni tar-REACH, b'mod partikolari fir-rigward ta' sustanzi u oġġetti importati minn pajjiżi terzi. L-aħħar proġett ta' infurzar immirat tal-Forum dwar l-Infurzar tal-ECHA (REF-12), ibbażat fuq 2 603 kontroll imwettqa minn spetturi f'29 pajjiż taż-ŻEE, ikkonferma l-iskala ta' din il-lakuna. Waħda minn kull tliet sustanzi f'taħlitiet importati ma kellhiex ir-reġistrazzjoni meħtieġa, u 16 % tas-sustanzi ristretti kkontrollati nstabu li ma kinux konformi.

Ir-reviżjoni oriġinali kienet identifikat din il-lakuna bħala waħda mill-kwistjonijiet ċentrali li għandhom jiġu indirizzati, inkluż permezz ta' allinjament aħjar tal-obbligi tar-REACH mal-qafas doganali tal-UE. Iż-żieda sinifikanti fil-bejgħ online, b'mod partikolari pakketti mibgħuta direttament lill-konsumaturi permezz ta' mezzi ta' kunsinna mġaġġla tal-merkanzija jew postali, tkompli tikkomplika l-isfida tat-twertiq ta' spezzjonijiet bi frekwenza u livell ta' kwalità adegwati. Għalhekk għandhom jitkomplew ir-riflessjonijiet dwar l-aktar mezzi xierqa (leġiżlattivi jew mhux leġiżlattivi) biex tingħalaq din id-diskrepanza fil-konformità. Dan għandu jsir, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitàjiet tal-politiki dwar is-sustanzi kimiċi, b'mod partikolari r-REACH u s-CLP, filwaqt li tiġi żgurata l-koerenza mar-riformi li għaddejjin tal-Unjoni Doganali, il-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid, u r-Regolament (UE) 2019/1020 dwar is-sorveljanza tas-suq, kif ukoll l-Att Ewropew possibbli dwar il-Prodotti. L-għan ewlieni ta' dan l-iskambju ta' fehmiet huwa li jiġu identifikati azzjonijiet ewlenin rigward ir-Regolament REACH u l-implimentazzjoni tiegħu u li jiġi ddeterminat liema miżuri jistgħu jimmodernizzaw, jissimplifikaw u jsaħħu l-infurzar tiegħu fin-nuqqas ta' reviżjoni permezz ta' proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Mistoqsijiet għall-ministri:

1. *Liema azzjonijiet jistgħu jittieħdu permezz tal-proċedura ta' kumitat biex ir-Regolament REACH jiġi mmodernizzat u ssimplifikat fil-prattika?*
2. *Kif tista' tiġi indirizzata l-lakuna fil-konformità mar-Regolament REACH, u liema miżuri (leġiżlattivi jew mhux leġiżlattivi) ikunu meħtieġa biex jissaħħaħ l-infurzar tiegħu?*